# Il-knisja l-qadima u l-bini tar-Rotunda



Minn Nicholas GRECH

Id-destin tal-knisja l-qadima tal-Mosta kien miktub darba ddeċidew li r-Rotunda kellha tinbena madwarha. Ma setgħet qatt tikkompeti mal-kobor u s-sbuħija tar-Rotunda. U darba tlestạ x-xogħol fuq din tal-aħħar waslet ukoll is-sentenza tagħha wara li kienet ilha kkundannata b'dan id-destin għal 27 sena - kemm damet tinbena l-ġdida madwarha. Ormaj kienet biss ta' ingombru fin-nofs u bħalma l-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim, hekk it-tlestija tal-knisja l-ġdida kien ifisser li ż-żmien ta' glorja tagħha issa kien spiċċa u għadda darba għal dejjem.

Kienet qdiet lill-parruċċani Mostin għall-aktar minn żewġ sekli u nofs, u tulhom min jaf kemm issebħet b'opri ta' arti, kemm iċċelebraw mumenti ta' ferħ bħal festi u purċissjonijiet, u daqstant ieħor mumenti ta' dieqa bħal flaġelli tal-pesta u oħrajn. Jingħad li kienet saret żgħira wisq għar-raħal dejjem jikber, u anki kellha xi ħsarat strutturali. Grognet kien issuġġerixxa li r-Rotunda tinbena madwarha fost l-oħrajn biex tiffaċilita l-armar għal meta jiġu biex jagħmlu l-koppla. Imma l-fatt li l-koppla spiċċat inbniet mingħajr armar, ifisser li l-knisja l-qadima spiċċat kienet aktar ta' ostaklu fin-nofs milli ta' ġid, u x'aktarx ma serviet ta' ebda għajnuna. Dan l-artiklu jipprova jevalwa x'fadal mill-knisja l-qadima, kemm setgħet kienet kbira, kif seħħ il-bini tar-Rotunda madwarha u aspetti oħra ta' interess.

## Bidu tax-xogħol

B'ittra datata 18 ta' Jannar 1833, Grognet kiteb lill-periti tal-Kummissjoni li kienu mqabbda mill-Gvernatur Ponsonby biex jevalwaw il-pjanta tar-Rotunda. Ftit aktar minn xahar wara, fis-27 ta' Frar 1833, dawn bagħtu r-risposta tagħhom li l-knisja setgħet issir għajr xi tibdil żgħir. Il-kappillan Dun Ġammarì Schembri ħa l-pussess fl-10 ta' Marzu 1833, meta l-pjanta kienet qed tiġi eżaminata wkoll mill-kap tal-inġiniera Ingliżi, li fil-15 ta' Marzu, irrisponda hu wkoll u sussegwentement inħareġ il-permess mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-21 ta' Marzu 1833, biex ikun jista' jinbeda x-xogħol.



*'A sketch of Old Parish Church of Musta from original drawing in pencil by the architect engineer George Grongnet de Vasse...'*

Fl-aħħar, Grognet kiteb lid-deputati tal-knisja dwar id-drittijiet tal-ħlas tiegħu fis-16 ta' April 1833, fejn żamm lanqas li seta'. Dan kollu jagħti x'jifhem li x-xogħol għall-bini tal-knisja seta' beda lejn il-bidu t'April 1833. Mill-pedamenti tar-Rotunda kif jidhru fl-osswarju taħt il-kappellun ta' San Ġużepp, li għadhom fuq il-ġebla (qatt ma nżebgħu), jidhru l-ewwel żewġ filati tal-pedamenti li jiġu taħt il-livell tat-triq f'dan il-punt. Dan juri li l-ewwel xogħol kien jikkonsisti fl-invellar tal-art, fejn il-blat fuq quddiem tal-knisja - li qiegħed fuq metru u nofs għola mill-blat fuq il-parti ta' wara - kellu jinqata' biex jiġi kollox livell wieħed.



*Pjanta tal-pedamenti tar-Rotunda bil-fdalijiet tal-knisja l-qadima kif jinsabu ġo fiha.*

Grognet taf talab dan ir-rekwiżit biex ikollu pjanura ċatta fejn iħożż il-pedamenti, u ma setax jagħmel mod ieħor bl-ingombru tal-knisja l-qadima fin-nofs. Dokumenti fl-arkivju tal-knisja juru li fit-13 ta' April 1833, kienu tħallsu 29 ħaddiem għal dik il-ġimgħa (uħud minnhom taf kienu bdew ix-xogħol fil-barriera minn fejn kellu jinqata' l-ġebel), waqt li xahar wara, fil-11 ta' Mejju 1833, dawn żdiedu għal 48 ħaddiem.

Ix-xogħol tat-tħammil tal-ħamrija miż-żewġ għelieqi li kien hemm madwar, it-twaqqigħ taż-żewġt idjar żgħar



CamScanner

li kienu fin-nofs u x-xogħol iebes tat-tqattigħ tal-blat tal-qawwi li hemm fil-post, taf ħa lil dawn il-ħaddiema aktar minn xahar u nofs biex tlesta. U forsi xi ġimgħa oħra biex inħażżu l-pedamenti minn Grognet, biex fl-aħħar, fit-30 ta' Mejju 1833, waslet il-ġurnata tat-tqegħid tal-ewwel ġebla.

### L-ewwel ġebla

Ma hemm xejn fiċ-ċert fejn setgħu poġġew din l-ewwel ġebla. Jekk nikkunsidraw li din tpoġġiet ftit ġimgħat wara li seta' jibda x-xogħol, kif għidna qisu xi xahar u nofs jew xahrejn wara, din żgur li kienet l-ewwel ġebla tal-pedamenti, u mhux tal-knisja propja, kif normalment jiġri, li tibda tiela' minn ħafna aktar 'il fuq minn fuq it-tmien filata tal-pedamenti. Jekk nieħdu kif hawn min jgħid li tpoġġiet x'imkien fejn bieb il-kbir, din kienet taħbat f'nofs il-pedamenti li ma tagħmilx sens għax tiġi mgħottija dawramejt b'ġebel oħra.

Jekk nieħdu li saret fuq quddiem tal-pedamenti, x'imkien taħt il-kolonni tal-portiku, kienet tiġi għall-irdoss ta' aktar minn metru u nofs ta' blat maqtugħ, u l-istess ma tantx treġi għax tiġi mgħottija u sussegwentement mirduma mit-terrapien. Jekk poġġewha fuq wara tal-knisja, fejn hemm il-kannierja u għandek l-ewwel filata tidher sew, tiġi naqra anomala li kellhom propju jpoġġuha fuq wara tal-knisja l-qadima 'l bogħod mill-għajn u fil-fatt ma hemm ebda ġebla li tindika dan, għax wieħed jassumi li kienu ħallew xi forma ta' marka fuqha. Post ieħor fejn tista' tkun, hu fil-pedamenti li kienu jiġu eżatt bi dritt il-faċċata tal-knisja l-qadima, li madanakollu fil-prezent mhux aċċessibli għax jiffurmaw parti mill-biċċa mimlija tal-osswarju.

### Pedamenti tar-Rotunda

Jekk wieħed imur fuq wara tar-Rotunda, fejn t-triq hi aktar fil-baxx, jinnota t-8 filati li jiffurmaw il-pedamenti tar-Rotunda. Grognet, fil-pedamenti fuq barra, uża poligonu ta' 40 ġenb (interrotta mill-parti tal-kampnari/portiku fuq quddiem, u mis-sagristijiet fuq wara), u baqa' tiela' bihom l-ewwel 4 filati tal-pedamenti. Il-kumplament tal-4 filati l-oħra tal-pedamenti fuq barra komplihom għat-tond.



*Minn din in-naħa jidhru 7 mit-8 filati pedamenti tar-Rotunda.*

B'kuntrast, għall-pedamenti fuq ġewwa uża poligonu ta' 16-il ġenb li baqa' tiela bihom t-tmien filati kollha tal-pedamenti, ġnub li jikkorrispondu mat-tmien kappelluni (inklużi tal-kor u tal-orgni) u l-ħitan ta' bejniethom. Ix-xogħol fuq dawn it-tmien filati pedament kien x'aktarx lest sat-12 ta' Marzu 1834, meta f'din id-data Grognet kiteb lid-Deputati tal-Knisja jilmenta dwar il-bini tal-bieb il-kbir li ma kienx qed isir skont il-pjanti li ħallielhom.

Interessanti kif Grognet baqa' sejjer bil-pedamenti anki fil-vojt tal-kappelluni, forsi biex bl-ingombru tal-knisja l-qadima f'nofs ix-xogħol, almenu jkollu qiegħa pjanura biex jiffaċilita l-ħażż, din id-darba tal-kappelluni. Biex ħażż dawn il-kappelluni mingħajr ma uża zintlu min-nofs, Grognet ried preċiżjoni kbira, hekk li l-iċken żball kien jirriżulta f'kappellun jiġi ftit ikbar jew iżgħar mill-ieħor. Forsi difett żgħir insibu, għax meta tkun f'nofs il-knisja u tħares lejn l-arkata tal-orgni, issibha ħarira aktar fil-baxx mill-gwarniċun ta' fuqha, kuntrarju għall-arkaturi tal-kappelluni l-oħra li kollha jwasslu eżatt sal-gwarniċun.

### Mini

Fil-pedamenti taħt il-vojt tal-kappelluni, Grognet inkorpora bħal mini ta' madwar 27½' tul, jibdew minn wisa' ta' madwar 5½' fuq in-naħa ta' barra u jispiċċaw f'wisa' ta' madwar 10' fuq ġewwa. Huma msaqqfin b'saqaf għat-tond, bil-ħnejja fuq in-naħa ta' barra tibda minn fuq il-5 filata tal-pedament u dejjem tinzel 'l isfel aktar ma tidhol 'il ġewwa, sakemm fuq ġewwa tiġi tibda minn fuq ir-4 filata. Il-mod kif inhuma mibnija u msaqqfin dawn il-mini fihom ħafna x'wieħed jammira s-sengħa kbira li fihom u dan b'mod partikulari l-mina ta' taħt il-kappellun ta' San Ġużepp, li għadha fuq il-ġebla mingħajr qatt ma nżebgħat. Il-mina ta' taħt il-kor li tiġi l-kuritur ewlieni tal-kannierja hi ħafna itwal, u tlaħħaq mas-60 pied. Kurjuż kif din il-mina ġiet imsaqqfa l-istess għoli bħall-oħrajn, qisu Grognet ma riedx jieħu vantaġġ mill-fatt li l-kor, bħall-presbiterju, hu 28" għoli mill-paviment tal-knisja (forsi biex jiffaċilita l-ħażż tal-kappelluni).

Il-mini taħt il-kappelluni ta' San Pawl, tar-Rużarju u tas-Salib jintużaw bħala mħażen għall-armar, filwaqt li dik taħt il-kappellun ta' San Ġużepp hi parti mill-osswarju, u x'aktarx it-tul tagħha kollu hu mħaffer biex iffurmaw bħal fossa kbira fejn jiddepożitaw l-għadam. Dan jidher meta wieħed jinnota li fil-ġnub tal-ħitan hemm bħal faxx abjad, li x'aktarx ħalla warajh l-għadam dejjem jistrieħ ħarira aktar fil-fond tul dawn il-kważi 45 sena li l-kannierja m'għadhiex tintuża (mill-1974). Jista' jkun li taħt il-kappelluni taċ-Ċintura, ta' San Bastjan u tal-orgni



CS CamScanner





*Disinn u ritratt tal-mina taħt il-kappellun ta' San Ġużepp. Jidher il-faxx abjad mal-ħajt li ħalla l-għadam jistrieħ dejjem aktar fil-fond.*

m'hemmx mini għax fil-preżent m'hemmx aċċess għalihom minħabba l-ammont ta' għadam tal-mejtin li hemm fin-nofs biex tasal għalihom.

Iżda jekk wieħed iqis il-perjodu li fih intużat il-kannierja, ta' aktar minn 100 sena (mill-1860 sal-1974), din taf iġġenerat biżżejjed għadam li 4 kmamar u fossa (ta' taħt il-kappellun ta' San Ġużepp) mhux biżżejjed biex jesawhom. U forsi wieħed jikkonkludi li bilfors taf jeżistu mini taħt dawn il-kappelluni wkoll, aktar u aktar meta tqis li l-mejtin kienu jintefgħu fl-osswarju bil-ħwejjeġ b'kollox li jkunu tkeffnu bihom u allura jispiċċaw jokkupaw ħafna aktar spazju milli kieku kienu għadam waħdu.

Kieku m'għamlux mini taħt dawn il-kappelluni kien ikollhom bżonn ta' ħafna aktar ġebel u jiżdiedu l-ispejjeż biex ilestu t-8 filati pedamenti, jinħela aktar ħin sakemm jinbnew, u ma jkunux sfruttaw spazju biex fihom isiru mħażen jew parti mill-osswarju kif għamlu taħt il-kappelluni l-oħra, li jtik x'tifhem li dawn il-mini taf jeżistu taħt il-kappelluni kollha.

## Pedamenti tar-Rotunda u l-ħitan tal-knisja l-qadima

Jekk wieħed jidħol fil-maħżen ta' taħt il-kappellun ta' San Pawl jinnota wieħed mill-pilastri tal-knisja l-qadima, kważi jħokk mal-ħitan tal-pedamenti tar-Rotunda, u l-istess destin taf messu l-pilastru tal-kampnar tal-punent fil-faċċata tal-knisja l-qadima. Grognet għamel il-pedamenti tar-Rotunda kwazi jmissu mal-ħitan tal-knisja l-qadima f'dawn iż-żewġ punti u fuq in-naħa opposta tagħha fejn kien hemm il-ħitan tas-sagristija tal-knisja l-qadima, ħalla spazju żgħir kemm joqgħod bieb, id-dħul għall-osswarju.



*Il-prossimità bejn il-ħitan tar-Rotunda u tal-knisja l-qadima, kif jidhru bi dritt il-pedamenti ta' taħt il-kappelluni tar-Rużarju, ta' San Pawl u tas-Salib.*

Pjanta tal-pedamenti tar-Rotunda. 1: fejn setgħu poġġew l-ewwel ġebla tar-Rotunda; 2 u 3: fejn għandek il-ħitan tal-knisja l-qadima, kważi jħokku ma' tar-Rotunda; 5: dħul għall-osswarju; 4 u 5: fejn kellek il-kantunieri tal-knisja l-qadima mikula biex żiedu ftit l-ispazju bejn iż-żewġ knejjes, u l-istess seta' ġara f'punt 2 biex taw aċċess għall-fetħa ta' bi dritt il-kappellun taċ-Ċintura u għaqqduha mal-kumplament tal-osswarju; 6: artal tal-kannierja. Il-linji f'nofs il-knisja l-qadima juru l-linji ċentrali tagħha u tar-Rotunda.




*Pedamenti ...*

Dan ifisser li l-knisja l-qadima mhux biss kienet determinanti u affetwat l-orjentazzjoni tar-Rotunda, fejn għandek il-ħajt ta' wara tal-knisja l-qadima perpendikulari mal-kuritur prinċipali tal-kannierja (jiġifieri l-faċċati tat-tnejn iħarsu fuq l-istess riħ), iżda affetwat ukoll il-kobor tagħha. Għax Grognet għamel din kbira biżżejjed li toqgħod kważi eżatt madwar l-qadima, bħal donnu ma riedx joqgħod jiffanfra u jdaħħalhom fi spejjeż ta' knisja akbar għalxejn. Tant ixxaħħaħ Grognet, li l-kantunieri rispettivi, kemm tas-sagristija tal-knisja l-qadima kif ukoll ta' pilastru ieħor tagħha li jinsab fil-kamra tad-Duluri fil-kannierja, spiċċaw bil-kantuniera tagħhom mikula biex żiedu ftit l-ispazju bejn iż-żewġ knejjes. Il-kobor tar-Rotunda fisser li l-faċċata tagħha ġiet mas-17m (aktar minn 55½') 'il quddiem minn fejn kienet il-faċċata tal-knisja l-qadima, waqt li l-faċċata ta' wara tagħha ġiet mas-27m lura mill-faċċata ta' wara tal-knisja l-qadima.



CamScanner

### Sagristija tal-knisja l-qadima

Kuntrarju għall-knejjes oħra tal-perit Tumas Dingli, bħal ta' Ħ'Attard, Ħal Għargħur u n-Naxxar, il-knisja l-qadima tal-Mosta kellha biss sagristija waħda, ta' daqs ċirka 8m x 5.5m (ftit aktar min-nofs ta' sagristija tar-Rotunda), in-naħa tal-lvant. Għax fuq in-naħa l-oħra, propju fejn hemm il-kamra tad-Duluri fil-kannierja għadu jidher il-faxx fuq il-ħajt li jdur dawramejt mal-knisja l-qadima li juri li dan kien ħajt fuq barra u ma setax kien hemm sagristija oħra miegħu.



Il-bieb fl-osswarju li jagħti għal fejn kienet is-sagristija tal-knisja l-qadima. Il-fili oriġinali tal-Qadima jidhru mkaħħlin bil-gir jew tajn abjad, waqt li l-blatiet fuq il-bieb li saru wara, għandhom il-fili bil-ħamrija, l-istess bħall-fili tal-ħnejjiet li fuqhom iserraħ parti mill-paviment tar-Rotunda.

U propju għax kellha biss sagristija waħda, ma setgħux jgħaddu mingħajrha għax jiġu b'xejn, u Grognet kellu bilfors jinkorporaha fil-ġdida. Din is-sagristija fuq naħa waħda biss, wasslet biex minkejja li l-pedamenti tar-Rotunda u l-knisja l-qadima kienu jħokku kważi ma' xulxin f'erba' bnadi, bejn il-ħajt ta' wara tal-knisja l-qadima u l-pedamenti tar-Rotunda bi dritthom żviluppa spazju bejniethom ta' madwar 4.5m, li Grognet utilizzah biex fih waqqaf l-artal li hemm fil-kannierja u miegħu kien baqgħalu ftuħ biżżejjed fejn tinġemgħa l-kongregazzjoni għal xi funzjoni bħal quddiesa. Ukoll din is-sagristija fuq naħa waħda biss, fissret li l-linja ċentrali tar-Rotunda u tal-knisja l-qadima qegħdin spustjati minn xulxin b'ċirka 140ċm (aktar minn 4½').

Fi kliem ieħor dan ifisser li l-bibien prinċipali tal-knisja l-qadima u tar-Rotunda ma kinux jiġu bi dritt xulxin. Ifisser ukoll li l-knisja l-qadima x'aktarx kellha bieb finta fuq in-naħa tal-punent tal-artal maġġur, għax ma kien jagħti għall-ebda sagristija. Fil-fatt skont ma ġie mniżżel fil-viżta pastorali tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan tal-31 ta' Mejju 1744, jingħad li kien hemm il-pulptu ma' dan il-pilastru. Ifisser ukoll li s-sagristija tal-qassisin fir-Rotunda mhux ta' b'xejn intgħażlet in-naħa tal-lvant tal-artal maġġur, propju għax hekk kienu mdorrijin mill-knisja l-qadima, u żammew l-istess tradizzjoni.

Interessanti kif il-pożizzjoni fejn kien il-bieb, li minn barra jagħti għas-sagristija tal-knisja l-qadima għadu jidher hekk kif tidħol fl-osswarju, bil-bieb x'aktarx ġie nkorporat xi filati aktar 'l isfel milli fil-fatt kien u mċekken mill-għoli għal 5 filati tal-knisja l-qadima (qisu 4½' biss għoli). Anki l-art ta' din is-sagristija taf kienet tqattgħet biex il-blat ġie ċirka livell mal-art tal-kannierja u 'l quddiem ntużat bħala osswarju tar-Rotunda.

### Għoli tal-filati tal-pedamenti tar-Rotunda u tal-knisja l-qadima

Il-filati tal-knisja l-qadima huma ta' għoli ċirka 27.3ċm. Għall-pedamenti tar-Rotunda u speċifikament għalihom biss, Grognet uża knaten li bil-fil b'kollox jiġu għoli ċirka 40.6ċm (16"). U dan l-għoli jaħbat ukoll darba u nofs filata tal-knisja l-qadima, jiġifieri żewġ filati tal-pedamenti tar-Rotunda jagħmlu 3 filati tal-knisja l-qadima. Jidher ukoll li dan l-għoli m'għażlux b'kumbinazzjoni għax għamilhom b'mod li l-fili tat-tnejn jiltaqgħu, jiġu l-istess livell, inċin, donnu b'mod li meta ġew biex iħottu l-knisja l-qadima, kellhom iħottu biss sal-filata li nofsha (jiġifieri 13.7ċm minnha) kienet taħbat 'il fuq mit-8 u l-aħħar filata tal-pedamenti tar-Rotunda. L-għoli fejn jinsab il-paviment tar-Rotunda, u darba jneħħuha jkun baqa' l-kumplament tan-nofs filata għoli (jiġifieri 13.7ċm oħra), spazju biżżejjed biex fih titpoġġa t-torba u ċ-ċangatura u 'l quddiem l-irħam li jifforma l-paviment tar-Rotunda. Dan juri l-esperjenza kbira ta' Grognet li ma ħalla xejn jaħrablu u qagħad attent għall-iċken dettall, u jfisser ukoll li anki jekk kwistjoni ta' ftit ċentimetri, il-Qadima affettwat ħarira kemm ir-Rotunda ġiet għola mil-livell tat-triq. Il-kappelluni tar-Rotunda, li jibdew tilgħin minn fuq it-tmien filata tal-pedamenti, kellhom il-paviment tagħhom bil-lest meta tlesta l-bini tal-knisja u ħattew il-qadima, u kien jonqos biss isir il-paviment fin-nofs fil-vojt tal-knisja.



Il-filati tal-pedamenti tar-Rotunda fuq ix-xellug kif jikkorrispondu ma' dawk tal-knisja l-qadima fuq il-lemin.



Dehra kif jidhru l-filati tal-pedamenti tar-Rotunda (fuq ix-xellug) fl-osswarju bi dritt il-kappellun ta' San Ġużepp u kif jikkorrispondu mal-filati tal-knisja l-qadima (fuq il-lemin), bil-fili jiġu inċin kull ċirka 82ċm.



CS CamScanner

## Paviment fil-knisja l-qadima

Jekk nieħdu knejjes oħra ta' Tumas Dingli, bħal ta' Ħ'Attard, Ħal Għargħur u n-Naxxar, ninnutaw lavur fil-parti t'isfel tal-pilastri tagħhom, u propju filata taħt dan il-lavur jaħbat il-paviment. L-istess lavur jidher fil-ħitan li fadal mill-knisja l-qadima tal-Mosta, kif jidhru fil-kannierja (tal-Mosta identiku ma' dak tal-Għargħur), u jekk nużaw l-istess raġunament ifisser li filata taħtu kien jinsab il-paviment tal-knisja l-qadima.

Fil-fatt jekk naraw kif jikkorrispondi dan il-lavur mal-pedamenti tar-Rotunda, insibu li l-paviment tal-knisja l-qadima kien jaħbat madwar 120ċm taħt il-paviment tar-Rotunda, jiġifieri l-għoli tal-aħħar 3 filati tal-pedamenti tar-Rotunda jew għoli ta' 4½' filati minn tal-knisja l-qadima. Dan ifisser li taħt il-paviment tar-Rotunda fadal biss sa 4 filati mill-knisja l-qadima (apparti l-filati l-oħra tal-pedamenti taħtom), u bħalma għadhom jidhru minn 1 sa 3 filati minnhom fil-kannierja, fl-osswarju u fil-maħżen taħt il-kappellun ta' San Pawl, wieħed jassumi li anki fil-parti ta' quddiem tagħha għadhom jeżistu biex b'hekk għad hemm dawn l-ewwel 4 filati tal-knisja l-qadima mad-dawramejt kollha fil-post.



*Il-pavimenti rispettivi tar-Rotunda fuq u tal-knisja l-qadima taħtu. Fir-ritratt, l-ewwel linja hi l-filata fejn x'aktarx kien jinsab il-paviment tal-Qadima, it-tieni linja l-filata fejn jinsab il-paviment tar-Rotunda (120ċm għola) u t-tielet linja fejn jinsab il-paviment tal-presbiterju u s-sagristijiet tar-Rotunda (70ċm għola).*



*Il-lavur li jinsab fil-parti t'isfel tal-pilastri tal-knejjes ta' Tumas Dingli, u li filata taħtu, jinsab il-paviment. Mix-xellug jidher il-lavur tal-knisja l-qadima tal-Mosta, ta' Ħ'Attard, tan-Naxxar u ta' Ħal Għargħur.*

Ir-raġunijiet 'l għaliex ma komplewx iħottuhom mal-kumplament taf huma, waħda li ma tagħmilx sens li toqgħod tneħħihom biex flokhom xorta trid terġa' toqgħod timlieh bit-terrapien, u l-oħra għax Grognet utilizzahom biex saqqaf l-ispazju vojt bejn il-pedamenti tar-Rotunda u dawn il-ħitan li fadal tal-knisja l-qadima biex fuqhom sar il-paviment tar-Rotunda f'dawn il-postijiet. Dan għamlu permezz ta' ħnejjiet mill-pedamenti tal-ġdida għall-hitan tal-qadima, u peress li dawn il-ħnejjiet huma ċatti, dawn jagħmlu forza laterali fuq il-ġnub, u allura bilfors riedu ħajt solidu biex bil-piż tiegħu jegħleb din il-forza. Dik li kienet is-sagristija tal-knisja l-qadima wkoll hi msaqqfa b'7 ħnejjiet simili, x'aktarx l-unika parti mill-knisja l-qadima li ġiet imsaqqfa u utilizzata għar-Rotunda.

## L-ispazju bejn il-ħitan tar-Rotunda u tal-knisja l-qadima

Kif għidna, l-ispazju bejn il-pedamenti tar-Rotunda u l-ħitan li fadal tal-knisja l-qadima hu msaqqaf mad-dawramejt kollha bil-ħnejjiet li minnhom innifishom huma xi ħaġa kolossali minħabba n-numru kbir ta' ħnejjiet li hemm u l-kumplessità tagħhom, fejn il-maġġor parti jkopru meded differenti. U allura kważi għal kull waħda ridt moll u armar għaliha. Hekk insibu 11 bi dritt il-kappellun ta' San Pawl, 8 fil-kamra tad-Duluri fil-kannierja, 28 fil-fetħa ta' quddiem l-artal fil-kannierja, 7 fejn kien hemm is-sagristija tal-knisja l-qadima u 20 fl-osswarju bi dritt il-kappellun ta' San Ġużepp. Dawn diġà jgħoddu 74 ħnejja, u magħhom possibilment hemm 23 bi dritt il-kappellun ta' San Bastjan, 12 bi dritt l-kappellun tal-Orgni u 14 bi dritt il-kappellun taċ-Ċintura, jiġifieri



*Il-ħnejjiet bejn il-pedamenti tar-Rotunda u l-ħitan tal-knisja l-qadima biswit l-artal tal-kannierja.*



CamScanner



*Dehra tal-ħnejjiet kif jinsabu fil-vojt bejn iż-żewġ knejjes. Dawk murija bi dritt il-kappelluni ta' San Bastjan, tal-Orgni u taċ-Ċintura, huma kif possibilment qegħdin għax fil-preżent m'hemmx aċċess għalihom.*

49 ħnejja oħra, li b'kollox allura jgħoddu 123 ħnejja!

Il-meded li jkopru jvarjaw minn żgħar ta' madwar 2m bi dritt il-kappellun ta' San Pawl għal oħrajn ħafna akbar li tista' ssejħilhom trollijiet għax ikopru mal-5m, bħal dawk bi dritt il-kappellun ta' San Ġużepp, u anki akbar minn hekk, fil-parti fejn kien hemm is-sagristija tal-knisja l-qadima. Il-samrotti tal-ħnejjiet huma ta' wisa' madwar 30ċm, l-ispazju vojt bejniethom ta' madwar 70ċm, biex tiġi li l-ħnejjiet jirrepetu qisu kull 1m, jiġifieri x-xorok ta' fuqhom huma ta' madwar 1m tul. Ftit minnhom, bħal xi waħdiet biswit l-artal tal-kannierja u wħud fil-kamra tad-Duluri anki jlaħħqu 1.3m - u waħda bi dritt il-kappellun ta' San Ġużepp tlaħħaq 2m.

Ħafna mill-partijiet li ssaqfu b'dan il-mod spiċċaw fi dlam totali minħabba li ma kellhomx aċċess għad-dawl ta' barra, fosthom l-istess kamra tad-Duluri fil-kannierja. L-ammont ta' ħnejjiet oħra u xogħol li kien jinħtieġ biex isaqqfu fejn kien jinsab l-intern tal-knisja l-qadima taf qatagħlhom qalbhom u spiċċaw biex hemmhekk wittewh bit-terrapien. Fortunatament Grognet ma ħattx l-aħħar filati tal-knisja l-qadima mal-kumplament biex minflokhom bena ħitan f'postijiet aktar konvenjenti u kien ikun jista' jagħmel ħnejjiet tal-istess qisien. B'hekk għadna nistgħu ngawdu dan il-wirt mill-knisja l-qadima li għandu mal-400 sena.

Mhux talli hekk, talli Grognet mill-bidu nett deher li kien intenzjonat li jħalli dawn il-filati tal-knisja l-qadima fil-post kif jindikaw il-pjanti tal-1833, li hemm fis-sagristija tal-qassisin fir-Rotunda. Infatti mill-istess orjentazzjoni li nżammet tal-knisja, u saħansitra mill-filati tal-pedamenti tar-Rotunda li, mhux b'kumbinazzjoni, jiġu inċin ma' dawk tal-qadima.




Id-diżlivelli li rriżultaw meta nħattet il-knisja l-qadima. Punt 1: fejn kellek il-kappelluni tar-Rotunda bil-paviment tagħhom ġa lest fuq it-tmien filata tal-pedamenti; punt 2: il-foss ta' aktar minn 3m li kien hemm bejn iż-żewġ knejjes u sussegwentement ġie msaqqaf bil-ħnejjiet u x-xorok; punt 3: fejn kienu jinsabu l-ħitan tal-knisja l-qadima li r-raba' filata tagħha li tħalliet fil-post ġiet madwar 13.7ċm inqas minn fejn kellu jiġi l-paviment tar-Rotunda; punt 4: fejn kien hemm l-intern tal-qadima fejn kellek diżlivell ta' 120ċm sa fejn kien jinsab il-paviment tagħha, jew aktar minn hekk sal-blat jekk inqalgħu l-oqbra li kien hemm taħtu, jew taf twitta u mtela kollox mill-ewwel bit-terrapien.

## Aktar dwar il-ħnejjiet

Biex inkomplu fuq il-ħnejjiet li jisseparaw iż-żewġ knejjes, interessanti wieħed jistaqsi meta setgħu saru.



*Il-ħnejjiet bejn iż-żewġ knejjes fil-maħżen ta' taħt il-kappellun ta' San Pawl.*



*Il-ħnejjiet għadhom fuq il-ġebla (qatt ma nżebgħu) li hemm hekk kif tidħol mill-bieb tal-osswarju bil-fili bil-ħamrija. Fuq il-lemin jidher ftit pilastru minn tal-Qadima, u hemm ukoll il-bieb li jagħti għal fejn kienet is-sagristija tagħha.*



CamScanner

Jekk saru qabel inħattet il-knisja l-qadima kien hemm ir-riskju li huma u jħottuha jaqgħu xi knaten fuqhom u jkissruhom. Jekk saru wara, ir-Rotunda kienet tispiċċa bil-paviment fil-kappelluni biss u foss mad-dawra jisseparaha mill-ħitan tal-knisja l-qadima ta' aktar minn 3m fond (qisu sular, l-għoli tat-tmien filati pedamenti), bil-partijiet aċċessibli jkunu biss il-kappellun tal-Orgni (mill-bieb prinċipali), il-kappelluni ta' San Bastjan u taċ-Ċintura (miż-żewġ bibien tal-ġnub tal-faċċata) u l-kor (mis-sagristijiet). Tant hu hekk jingħad li l-ewwel quddiesa fir-Rotunda saret fil-kor.

Jista' jkun li għal xi żmien kellhom jinqdew bil-knejjes filjali u tal-kampanja mindu bdiet tinħatt il-knisja l-qadima, sakemm sar almenu parti mill-paviment. L-anomalija qegħda mill-fatt li fil-11 ta' Marzu 1860, qisu ġimgħatejn wara li nħattet il-qadima, kien ġie l-Isqof Gaetano Pace Forno, li jindika li jekk mhux kollu, almenu kellek parti mill-paviment ġa lest sa dik id-data' U allura taf minn dawk il-ħnejjiet kollha, li jirrikjedu ħafna xogħol biex tagħmilhom, uħud minnhom kienu lesti qabel bdiet tinħatt il-knisja l-qadima.

Mill-banda l-oħra jissemma' li kemm damet tinbena r-Rotunda, il-knisja l-qadima kienet aċċessibli permezz ta' tliet rampi, u dawn bilfors riedu jkunu mill-kappelluni ta' San Bastjan, taċ-Ċintura u tal-Orgni, li kienu jibqgħu sejrin għall-bibien rispettivi tal-qadima. Liema bibien kienu jinsabu dawk il-120ċm aktar fil-baxx, u sakemm ħattew il-knisja l-qadima kellhom jagħmlu użu minn dawn ir-rampi biex ħarġu t-terrapien żejjed għal barra, li jfisser li wħud mill-ħnejjiet f'dawn il-partijiet ma setgħux kienu lesti.

Madankollu, ir-rampi mill-kappelluni ta' San Bastjan u taċ-Ċintura kienu limitati għax karrettun ma setax jgħaddi mill-kurituri li jwasslu għalihom (dawk fejn hemm in-niċeċ ta' San Ġużepp u tad-Duluri) waqt li l-unika rampa li kien fadal ta' bi dritt l-orgni taf kienet tiġi angolata wisq. Dan kollu jtik x'tifhem li dawn il-ħnejjiet kienu lesti kollha dawramejt u msaqqfa bix-xorok minn qabel, biex imbagħad darba bdew iħottu, ir-radam minn tal-Qadima bdew jippakkjawh fl-intern tagħha sakemm ġabuh livell ċirka ma' fejn kellu jiġi l-paviment. U darba ġie kollox livell wieħed, setgħu jibqgħu deħlin bil-karrettuni mill-bieb il-kbir sa ġewwa nett tal-Qadima biex iġorru ż-żejjed għal barra. Għal kull ħnejja riedu jaqtgħu l-ġebel mill-barriera u jġorruhom bil-karrettuni sal-post, ibaqqnu l-ħitan minn fejn se tibda l-ħnejja, iħożżu s-samrotti, minn ġebla xulliela kif maqtugħa mill-barriera jonġruha f'samrott, jagħmlu l-armar taħt il-ħnejja x'aktarx minn ġebel ieħor, apparti x-xogħol ieħor biex qatgħu u poġġew ix-xorok fuqhom, li jekk nieħdu li kull ħnejja ħaditilhom medja ta' erba' / ħamest ijiem biex saret, kien ikun jeħtiġielhom tal-anqas sena u nofs jilgħabu magħhom sakemm lestewhom. Din taf tispjega d-data '1857' fil-frontispizju fejn taf kienu qed jirreferu għal meta lestew il-koppla u njoraw iċ-ċejċiet tal-aħħar bħal dawn il-ħnejjiet, xogħol tal-injam bħal bibien u twieqi, u ġar ta' oġġetti mill-knisja l-qadima għar-Rotunda (bħal l-artal maġġur, is-sedje tal-kor, il-kaxxarizzi tas-sagristija) fost l-oħrajn. Biex is-sagristija tal-knisja l-qadima ġiet imsaqqfa wkoll b'dawn il-ħnejjiet, ifisser li nħattet minn żmien qabel l-istess knisja u taf fil-frattemp utilizzaw il-kor tal-Qadima bħala sagristija minflok, waqt li biex għamlu wħud mill-ħnejjiet ta' bi dritt l-orgni taf kellhom bżonn jibnu ħajt ta' kontrapiż fejn kien jinsab il-bieb prinċipali tal-Qadima, li jfisser li dan il-bieb taf kellu jinqala' minn żmien qabel. Fil-ġimgħatejn mindu nħattet il-Qadima sakemm ġie l-Isqof, taf qagħdu jagħmlu t-taraġ tal-presbiterju li ma setax sar qabel għax parti sostanzjali minnu kien jaħbat aktar 'il ġewwa mill-ħajt ta' wara tal-Qadima. Il-paviment biċ-ċangatura jingħad li sar aktar tard fl-1861.

### Pedamenti tal-knisja l-qadima

Apparti l-ewwel 4 filati tal-knisja l-qadima li għadhom jeżistu d-dawramejt kollha, fil-kannierja, propju fil-ħajt ta' wara tal-Qadima, għadhom jidhru wkoll mas-7 filati oħra pedamenti taħthom. Jekk nieħdu li r-Rotunda fuq tul ta' madwar 244' għandha diżlivell tat-triq, minn quddiem għal wara, ta' madwar 160ċm (qisu 4 filati mill-pedamenti tagħha), ifisser li l-knisja l-qadima, li kienet ta' madwar 103' tul għax ikbar minn hekk ma toqgħodx, kellha diżlivell ta' madwar 68ċm.





*Il-ħitan tal-knisja l-qadima: dak ta' wara fejn jidhru mas-7 filati pedamenti u l-ħajt bi dritt il-kappellun ta' San Ġużepp fejn jidhru mal-5 filati pedamenti.*



CamScanner

Dan ifisser li fil-faċċata tal-knisja l-qadima kien hemm ta' lanqas 4 filati pedamenti, sakemm ma kienx tqatta' l-blat fuq quddiem li ġie livell ma' wara, li ma jidhirx li hu l-każ. Ifisser ukoll li, peress li l-knisja l-qadima kienet daqstant għolja mill-blat (jew triq) fil-faċċata, kellha lok għal zuntier kbir mhux ħażin quddiemha. Jista' jkun li kienet daqstant għolja biex ma jkollhomx għalfejn jaqtgħu l-blat iebes tal-qawwi li hemm fil-post biex jagħmlu l-oqbra li kien hemm taħt il-paviment tagħha.

## Sa fejn kienet tlaħħaq il-knisja l-qadima fir-Rotunda

Jekk wieħed janalizza l-knejjes ta' Tumas Dingli, bħal ta' Ħ'Attard, li għad għandha l-faċċata intatta, jew saħansitra l-pittura tal-istess knisja l-qadima tal-Mosta, isib li kien jagħmel bejn wieħed u ieħor faċċata kwadra: daqs kemm hi wiesgħa, hi għolja.



*L-għoli tal-knisja l-qadima fir-Rotunda.*

Hekk insibu li f'ta' Ħ'Attard għandek faċċata ta' wisa' madwar 1240ċm u għolja 41 filata (f'din il-knisja, fuq il-gwarniċun ta' fuq jerġa' jdur friz bir-rużuni u gwarniċun ieħor fuqu - kollox xi 7 filati oħra li fil-każ tagħna rridu ninjoraw), waqt li f'dik ta' Ħal Għargħur, bil-faċċata originali x'aktarx tal-istess wisa' ta' 1240ċm, il-bejt oriġinali tagħha hu għoli wkoll 41 filata (f'tal-Għargħur meta bidlu l-faċċata, apparti li wessgħuha ftit kienu kabbruha mill-għoli).

B'hekk meta wieħed jiddividi, isib li jidħol proporzjon ta' 30.2ċm (ħarira għola minn filata ta' 27.3ċm, jiġifieri faċċata ftit aktar wiesgħa milli għolja), u jekk issa nieħdu t-tul tal-ħajt ta' wara tal-knisja l-qadima tal-Mosta, kif jidher fil-kannierja li hu ta' madwar 1360ċm u nassumu li l-faċċata kienet daqstant wiesgħa, jiġi li kien jikkorrispondi ma' faċċata ta' 47 filata (sal-bejt jew bidu tal-frontispizju tagħha), jiġifieri l-knisja l-qadima x'aktarx kellha faċċata ta' 47 filata.

Il-parti kwadra tal-faċċata taf kienet tikkorrispondi għall-ispazju vojt bejn il-pilastri u l-gwarniċun ta' fuq, hekk li fuq dan il-wisa' tal-Qadima ta' 1150ċm (tneħħi wisa' ta' 105ċm pilastri fuq kull naħa) issib li jidħlu 42 filata (għal għoli ta' 1150ċm) u magħhom taf kien hemm 3 filati dedikati għall-gwarniċun ta' fuq (bħal tal-Għargħur) li b'kollox allura jiġu 45 filata, l-istess ilma (fil-pittura li għandna tal-Qadima), għal wisa' ta' 1360ċm jidhru li jidħlu 46 filata.

Jekk issa nieħdu dan l-għoli ta' 45 filata li jiġi 1228.5ċm (45 x 27.3ċm) u naraw kemm jikkorrispondu ma filati minn tar-Rotunda, insibu li jidħlu dawk it-3 filati tal-pedamenti ta' 16" (40.64ċm) il-waħda, kemm kienet 'l isfel il-qiegħa tal-qadima minn tal-ġdida, l-ewwel 2 filati tal-knisja li huma ta' 14" (35.56ċm) il-wahda, it-tielet filata li hi ta' 20" (50.8ċm), u l-kumplament ta' 27 filata u nofs oħra ta' 14" (35.56ċm), li b'kollox jammontaw għal 1222ċm, ħarira baxx. Dan ifisser li l-bejt tal-knisja l-qadima kien jikkorrispondi, bejn wieħed u ieħor, mal-arkati li jiġu fuq it-twieqi tal-kappelluni waqt li l-quċċata tal-kampnari kienet taqbeż bi ftit il-gallarija tat-tanbur. Hekk li darba bnew xi filati 'l fuq mill-gallarija tat-tanbur tista' tgħid li l-knisja l-qadima għosfrot għalkollox.

Id-dawl li jgħaddi għat-twieqi li l-knisja l-qadima kellha fil-ġnub u fil-koppla tagħha, bdew jiġu oskurati mill-ħitan massiċċi tar-Rotunda ladarba nbena t-tanbur u bnew xi filati minn tal-koppla, bir-riżultat li x'aktarx il-Qadima tant iddallmet li bdew jissuspettaw li r-Rotunda se tiġi mudlama, tant li webblu lil Grognet biex jagħmlilhom dawk it-tmien twieqi li suppost ġew fil-koppla, biex fil-każ, kemm jiftħuhom. Il-ġenju ta' Grognet, li kien jaf li bħalma l-Panteon kien imdawwal tajjeb minkejja dħul ta' dawl għalih biss mill-*oculus* li kellu fuq nett tal-koppla tiegħu, aħseb u ara kemm kienet se tkun imdawwla aħjar ir-Rotunda bid-dawl mil-lanterna, mis-16-il tieqa u mis-6 twieqi tal-kappelluni u tal-kor, xorta baxxa rasu u tahom widen.

## Qniepen

Skont il-viżta pastorali tal-1744, jingħad li l-knisja l-qadima f'kampnar minnhom kellha żewġ qniepen, li bihom kienu jsejħu lin-nies għall-funzjonijiet, u fl-ieħor kien hemm żewġ qniepen oħra użati biex jindikaw il-kwarti u s-siegħat tal-arloġġ.

Bħalma l-arloġġ u l-mekkaniżmu tiegħu fir-Rotunda jinsabu fil-kampnar tal-lvant, x'aktarx ukoll li l-Qadima kellha l-kampnar tal-lvant li jaqdi din il-funzjoni, biex żammew l-istess format, bħalma għamlu fil-każ tas-



CamScanner

sagristija. L-istess viżta pastorali tindika dan, imma mhux ċar, peress li tuża t-terminu xellug, l-istess bħal meta rreferiet għas-sagristija.

Il-kampnar tal-punent tal-knisja l-qadima, li l-kantuniera tiegħu x'aktarx kienet tħokk mal-pedamenti tar-Rotunda, taf kellu jinħatt qabel iż-żmien, għax spiċċa jaħbat ma' fejn illum hemm il-lunetta ta' Kristu jipprietka lill-Appostli, peress li d-dijametru tar-Rotunda minn ġewwa jibda jiċkien f'dan il-punt, sa ma jasal għall-gallarija tat-tanbur.

Dan taf wassal biex il-qniepen tiegħu ngarru għall-kampnar tar-Rotunda (jingħad li l-kampnar kien lest sal-1841), ħafna qabel tlestiet il-knisja, waqt li dawk tal-kampnar tal-lvant x'aktarx damu ftit ieħor minħabba li kienu jaqdu l-funzjoni tal-arloġġ, għalkemm xorta jiġi qisu mhux xogħol, li jkollok il-qniepen nofshom barra u nofshom ġewwa, u jista' jkun li kif kienu fis-saħna, ġarrew kollox fl-istess żmien.

Jidher ukoll li d-daqq tal-qniepen minn dan il-kampnar tal-lvant tal-knisja l-qadima taf beda jidwi u jirbombja fuq ġewwa tar-Rotunda, waqt li jinstema' dejjem anqas fuq barra u mar-raħal, hekk kif inbnew il-ħitan massiċċi tal-kappelluni u tat-tanbur madwaru. Dan ikompli jtik x'tifhem li l-qniepen kollha taf inġarru għar-Rotunda minn ħafna snin qabel tlestiet. Jekk hu l-każ, ifisser li l-arloġġ tal-Qadima spiċċa nofsu funzjonanti għax ma setax jindika aktar il-ħin bid-daqq tal-qniepen, u r-raħal kellu jgħaddi mingħajr din il-kumdità għal diversi snin. Sakemm fl-aħħar, fl-1890, wara 30 sena li kienet ilha lesta l-knisja, sar l-arloġġ minn Mikelanġ Sapiano għar-Rotunda, bi spejjeż ta' Oreste Grech Mifsud.

Interessanti l-fatt li f'ittra datata l-1 ta' Awwissu 1841, id-deputati tal-knisja kienu kitbu Ruma, fejn fost l-oħrajn semmew biex il-benefiċċji u l-flus li kienu intenzjonati għal-legati taż-żwieġ u minflok intużaw għall-bini tar-Rotunda, ma jkollhomx għalfejn jerġgħu jirrifonduhom lura. U biex jissustanzjaw dan l-argument semmew il-każ simili li kien ġara fil-passat, meta minn legat taż-żwieġ ta' ċertu Kostanz Fenech, kienu ħadu minnu flus biex minflok xtraw il-qniepen - 'is-sekonda' fl-1784 u 't-terza' fl-1670.

Din il-qanpiena 'is-sekonda', x'aktarx hi l-qanpiena magħrufa bħala "tas-salib", li hemm imdendla fil-kampnar tal-lvant tar-Rotunda, li jingħad li saret fl-1784. Filwaqt li 't-terza', li tindika li kienet qanpiena iżgħar minn din "tas-salib", ma nafux liema hi, għax m'hemmx qniepen b'dik id-data. U x'aktarx mhix dik li jgħidulha "tal-anġli", li hi qanpiena żgħira, u allura ma tantx tiswa flus. Jista' jkun ukoll li din 'it-terza' hi dik il-qanpiena magħrufa ironikament bħala "il-ġdida", li skont skrizzjoni li hemm fuqha, jidher li kienet ġiet irrestawrata fl-1878 minn flus il-Kappillan Frangisk Camilleri, minn waħda eqdem, li possibilment kienet tal-knisja l-qadima. B'hekk mill-Qadima taf ġabu għall-kampnar tar-Rotunda din "tas-Salib", "il-ġdida" u l-qanpiena l-kbira tagħha, li jingħad li kienet imxaqqa u postha kienet ħaditulha dik msejħa "id-Dumnikana" lejn l-1947, u forsi wkoll "tal-anġli" jekk hi minn tal-Qadima.

## Ilmijiet tax-xita u ġiebja għall-bini tal-knisja

L-unika żvog għall-ilmijiet tax-xita li kien jinżel fuq il-knisja l-qadima bir-Rotunda tiela' madwarha kien li jgħaddi għal wara u joħroġ mill-kuritur prinċipali tal-kannierja għal barra. Taħt iz-zuntier li jagħti għas-sagristija tal-qassisin tar-Rotunda qattgħu ġiebja fil-blat biex fiha jaħżnu l-ilma tax-xita li jinżel min-Naxxar. Illum din il-ġiebja tara neżlin fiha r-ram li qiegħed biex jiġbed is-sajjetti, imma dak iż-żmien kienet tintuża fost l-oħrajn biex bl-ilma jintagħġen it-tajn. Din il-ġiebja x'aktarx li saret ta' malajr u mhix xi waħda kbira, hekk li jingħad li fi snin xotti ġieli kellhom iġibu l-ilma minn postijiet oħra, bħal Għajn Riħana.

## Dfin fil-knisja l-qadima

Id-dfin kien isir taħt il-paviment tal-knisja l-qadima, bħalma kienet in-norma f'ħafna knejjes madwar Malta f'dak iż-żmien. U skont il-viżta pastorali tal-1744 l-oqbra kienu jaslu sal-presbiterju, jiġifieri eskluż il-kor. Grognet, fl-ittra li kiteb fit-18 ta' Jannar 1833, lill-periti tal-kummissjoni, fost ir-raġunijiet 'il għaliex kellha tinbena knisja tonda, isemmi l-fatt li l-knisja l-qadima kienet imtliet bil-mejtin tal-pesta tal-1813. Dan meta fil-Mosta kien hemm iċ-ċimiterju l-qadim, apposta għal nies li jkunu mietu b'mard infettiv bħall-pesta, u allura dawn mhux suppost indifnu fil-Qadima.

Anomalija oħra hi, kif jista' jkun li wara għoxrin sena l-Qadima tkun għadha mimlija b'dawn il-mejtin, flok qalgħuhom wara sentejn u tefgħuhom fl-osswarju, sakemm Grognet ma kienx qed jirreferi għal xi osswarju fil-Qadima li mtela b'dawn il-mejtin. Sakemm Grognet ma kellux xi interpretazzjoni żbaljata, jista' jkun li kien hemm xi kwistjoni li ppreveniet milli jsir dfin fiċ-ċimiterju l-qadim, forsi għax kien imtela, għax fl-eqreb marda infettiva li ġiet wara, dik tal-kolera tal-1837, kien ġie inawgurat ċimiterju ġdid, dak li għandna llum, mill-Kappillan Dun Ġammarì Schembri, fil-5 ta' Awwissu 1837, u d-dfin ta' dawk infettati din id-darba jidher li sar fih flok fil-knisja l-qadima.

Tul l-eżistenza tal-knisja l-qadima ta' aktar minn 240 sena (mill-1619 sal-1860), din tiġi li mtliet b'tant mejtin



CamScanner

li jagħti x'jifhem li kien hemm osswarju kbir mhux ħażin biex jesagħhom kollha. F'ta' Ħ'Attard jingħad li l-osswarju kien fil-qiegħa tal-knisja stess, taħt irħama kbira tonda li hemm qisu f'nofsha, u fil-Qadima tal-Mosta taf kien hemm xi ħaġa simili. Meta wieħed jikkonsidra li biex ħattew il-Qadima fi żmien hekk qasir ta' disgħat ijiem (mit-18 sas-26 ta' Frar, 1860), li kien jikkonsisti fiż-żarmar tal-arkaturi li kienu jiffurmaw is-saqaf tagħha, il-koppla tagħha, u mal-41 filata (għax l-ewwel 4 filati ħallewhom fil-post), x'aktarx li ħallew il-koppla u l-arkaturi jisfrundaw għal isfel. Dan kien ifisser li kienet issir ħsara fl-oqbra li kellha, u jkun nuqqas ta' rispett għall-mejtin ta' ġo fihom li jispiċċaw mgħaffġa mit-terrapien. Jista' jkun li l-mejtin neħħewhom qabel bdew iħottuha jew ma baqgħux jidfnu fiha minn snin qabel meta raw li x-xogħol fuq il-ġdida qorob biex jitlesta, u minflok bdew jidfnu fil-kannierja.

L-anomalija qegħda mill-fatt li l-Kappillan Dun Ġammarì Schembri, li miet fit-28 ta' Settembru 1859, ta' 60 sena, propju 4 xhur u nofs qabel bdiet tinħatt il-knisja l-qadima, jingħad li ndifen fil-Qadima, u fil-fatt għadha teżisti anki l-lapida li poġġewlu fil-knisja l-qadima, u li llum tinsab fil-kuritur ewlieni tal-kannierja. Wieħed jiddubita setgħux qalgħuh wara biss 4 xhur u nofs, meta jkun fl-aqwa tad-dekompożizzjoni, speċjalment meta tqis li ndifen meta kien għadu kważi s-sajf. Din il-lapida li għamlulu telimina kull possibbiltà li seta' minflok indifen dirett fir-Rotunda, fejn jinsab illum fil-kappellun tas-Salib fejn kellek il-paviment tal-kappelluni ġa lest.

Dan id-dubju jikber wara li l-istoriku E.B. Vella jsemmi d-data tal-1861 meta l-Kappillan Anton Mallia ġabar l-għadam tal-mejtin li kien hemm fil-qiegħa tal-knisja l-qadima u poġġihom f'fossa għal tal-apposta. Dan jista' jindika li baqgħu jidfnu fil-Qadima sal-aħħar, sa ftit qabel ħattewha, u wara ħallew qisu dawk is-sena, sentejn, jgħaddu minn meta l-mejjet ikun jista' jinqala' mill-qabar biex poġġewhom fl-imsemmija fossa. Jekk hu hekk, ifisser li sal-1861 il-parti fejn kien hemm il-Qadima, eskluż il-kor u l-presbiterju tagħha, baqgħet mikxufa, u kellek dak id-diżlivell għall-paviment tagħha ta' 120ċm mill-kumplament tal-paviment tar-Rotunda.



Dehra ta' kif setgħu kienu mqassmin l-oqbra fil-knisja l-qadima.




Riċerka fil-kotba tal-mejtin ta' dawk is-snin taf tagħti aktar dawl dwar meta d-dfin fil-Qadima waqaf u beda fil-kannierja. Rigward kemm seta' kellha oqbra l-knisja l-qadima, jekk nieħdu l-qisien tal-lapidi ta' Dun Feliċ Calleja u dik li għadna kif semmejna ta' Dun Ġammarì Schembri, li llum jinsabu mal-ħajt fil-kuritur tal-kannierja, u li huma ta' madwar 2m x 1m, u nassumu li qabar fil-knisja l-qadima kien allura ta' dan il-qies, insibu li kienu jidħlu madwar 116-il qabar, qisu fl-istess ilma tal-madwar 111-il qabar tal-adulti li nsibu fil-kannierja, li jesgħu 3 twiebet kull qabar. Jekk kif għidna, nieħdu li l-knisja l-qadima fil-faċċata kellha tal-anqas 4 filati pedamenti, ifisser li l-oqbra tagħha żgur li kienu jesgħu 2 twiebet, u forsi dawk ta' bi dritt il-presbiterju, fejn kellek il-blat ftit aktar fil-baxx, taf kienu jesgħu anki 3 twiebet.

## Anomaliji fil-ħitan tal-knisja l-qadima

Fil-ħitan tal-knisja l-qadima, kif jidhru fil-kannierja, jidhru xi anomaliji li ma ssibhomx fil-knejjes l-oħra ta' Tumas Dingli. Għandek il-ħajt ta' wara tagħha mhux kontinwu, imma għandu madwar 5' truf tiegħu aktar 'il ġewwa mill-kumplament, b'madwar 5½'. Fil-viżta pastorali





*Id-diskontinwità fil-ħajt ta' wara tal-knisja l-qadima riżultat x'aktarx tat-tkabbir li kien sar fil-parti tal-kor tagħha, u f'dak li hemm fil-kamra tad-Duluri fil-kannierja fejn il-ħitan qegħdin iserrħu fuq ħnejja u xorok.*



CamScanner

tal-1744 jissemma li l-parti tal-kor kien għadu kif tkabbar, u allura taf għandek din l-anomalija ġejja minn dan il-fatt fejn il-ħajt ta' wara tal-kor ġie maħruġ 'il barra b'dawn iċ-ċirka 5½', fuq medda ta' 36' biex it-titular kien sar bi prospettiva ta' 3 kolonni fuq kull naħa tiegħu u b'ħafna skultura, kif ikompli jingħad fl-istess viżta.

Anomalija oħra, din id-darba mhux daqstant spjegabbli, tinsab fil-kamra tad-Duluri fil-kannierja, fejn jidher ħajt minn tal-knisja l-qadima li mhux kontinwu fil-parti t'isfel tal-pedament tiegħu, u jidher jidħol 'il ġewwa madwar 4½', għal tul ta' madwar 9½'. Aktar 'il fuq hemm ħnejja li flimkien ma' travu antik tal-injam qed iżommu bħal xorok, u fuqhom jitkompla tiela' l-ħajt.

Anomalija oħra qiegħda meta wieħed jifli l-pittura li turi kif kienet il-faċċata tal-knisja l-qadima tal-Mosta.





*Il-lavur fil-parti ta' taħt tal-Qadima kif inħażż fil-pittura, u kif minflok jidher fil-kamra tad-Duluri fil-kannierja.*

Fiha l-faxx ta' taħt li jdur dawramejt mal-knisja flok qiegħed livell mal-paviment (livell mal-għatba), bħal kif inhu fil-knejjes ta' Ħ'Attard, tan-Naxxar u ta' Ħal Għargħur. Dan jidher minflok qiegħed xi 2 filati 'l fuq, filwaqt li l-lavur tal-pilastri mhux qiegħed muri filata għola, bħalma hu wkoll f'dawn il-knejjes, u kif jidher saħansitra fl-istess ħitan ta' wara tal-Qadima fil-kannierja.

Min għamel il-pittura (x'aktarx l-oriġinal ta' Grognet u oħrajn għamlu kopji tagħha bħal fil-każ ta' dik li tidher fis-sagristija tal-qassisin), jidher li qagħad ħafna attent biex iżomm is-simetrija u l-proporzjonijiet mal-fili tal-faċċata, hekk li jekk taqsam il-faċċata f'45 jew 46 filata ssib li n-niċeċ jiġu 6 filati (l-istess bħal ta' Ħ'Attard), u l-bieb tan-nofs jiġi 17-il filata għoli (filata għola minn ta' Ħ'Attard), u jekk taf forsi ħarablu d-dettal tal-lavur tal-pilastri, id-dettal tal-faxx taf għamlu fil-livell it-tajjeb jew viċi-versa. Dan taf ifisser li l-paviment fil-Qadima qiegħed mal-filata jew tnejn aktar fil-baxx, jiġifieri flok 120ċm taf qiegħed jew 147ċm jew 175ċm aktar 'l isfel mill-paviment tar-Rotunda. Dan taf jispjega 'l għaliex il-faċċata ġiet daqstant għolja minn quddiem meta l-paviment kien raġunat li jiġi filata biss 'l isfel mil-lavur tal-pilastri.

## Salib tad-Dejma

Il-Mosta kellha x-xorti li kienet wieħed mill-ftit irħula li kellhom is-Salib tad-Dejma. Mill-pittura tal-knisja l-qadima nistgħu nispekulaw bejn wieħed u ieħor fejn kien jinsab. F'din il-pittura, il-koppla tal-knisja tidher ftit lejn ix-xellug miċ-ċentru tal-faċċata li jfisser li, minn għamilha kien bil-qiegħda x'imkien bi dritt in-niċeċ li hemm fuq ix-xellug fl-istess faċċata. Biex il-ħajt tal-kappelluni tal-ġenb, li kien jaħbat madwar 9.4m aktar lura mill-faċċata (it-tul tal-korsija minn barra), ġie jidher qisu kwart anqas għoli minn kemm hi l-faċċata, tiġi li min pittirha taf kien 28.6m 'il bogħod mill-faċċata, jiġifieri kien jaħbat x'imkien f'tarf iz-zuntier tal-lum u faċċata tat-tieni kolonna mix-xellug tal-portiku. Diffiċli tgħid fejn kien





jinsab is-salib mingħajr informazzjoni fuq l-għoli tiegħu, u forsi l-ewwel tarf hu li taqsam il-pedistall tiegħu f'filati skont ma jikkorrispondu mal-lavur li hemm fuqu. Suppożizzjoni minnhom tista' tkun li l-pedistall kien magħmul minn 9 filati sal-bażi tal-kolonna, li iżda jġib il-kolonna xi ftit kbira b'dijametru ta' madwar 0.8m (madankollu mhux daqstant bogħod mis-Salib ta' Ħaż-Żebbuġ, li għandu pedistall ta' madwar 12-il filata għoli u kolonna b'dijametru ta' madwar 0.7m). Jekk hu l-każ, tiġi li s-salib taf kien jinsab xi 17-il metru 'l bogħod mill-pittur u allura x'imkien fejn illum hemm il-kolonni tal-portiku fuq il-lemin tal-bieb prinċipali, kif muri. Is-salib jiġi li kien jaħbat bi dritt il-faċċata tal-knisja l-qadima u tispjega għaliex il-pittur kellu jispostja ruħu ftit lejn ix-xellug flok qagħad bi dritt il-bieb biex is-salib ma jgħattilux parti mill-faċċata.

B'pedestall ta' 9 filati, il-kolonna tiġi li kienet tikkonsisti f'35 filata oħra (filata meħuda 27.3ċm), b'kollox 44 filata sal-bażi tas-Salib, kważi daqs l-għoli tal-istess faċċata tal-knisja l-qadima. Akbar minn hekk żgur ma setax ikun, waqt li iżgħar kien ifisser li jiġi dejjem aktar bi dritt iċ-ċentru tal-faċċata li tqajjem dubji għax tiġi li meta kienu joħorġu mill-bieb prinċipali kienu jsibu bi dritthom din il-kolonna.

## Il-bomba

Meta l-bomba nifdet ir-Rotunda, hi u t-terrapien ta' ġebel li waqa' mill-koppla ġew fil-parti fejn kienet il-knisja l-qadima. It-terrapien ta' ġebel li waqa' mill-koppla b'xorti tajba żgiċċa għal ftit l-osswarju bi dritt il-pedament ta' taħt il-kappellun ta' San Ġużepp u l-parti fejn kien hemm is-sagristija tal-knisja l-qadima li kienu jispiċċaw jisfrondalhom il-ħnejjiet u x-xorok li jsaqqfuhom, u jagħmel aktar ħsara lill-irħam tal-paviment. B'xorti tajba wkoll, il-bomba, li mill-marka li ħalliet fuq il-lunetta ta' Kristu jipprietka lill-Appostli, jidher li sa dak il-punt kienet għadha nieżla bil-ponta tagħha 'l isfel.

Jidher li daret xi ftit għax kieku baqgħet hekk taf kienet tinfed il-paviment u tintradam, u tikkumplika l-ħruġ tagħha mill-knisja. Dan kollu jkompli jikkonferma li fejn kienet tinsab il-knisja l-qadima, għajr is-sagristija tagħha, ma ġiex imsaqqaf bil-ħnejjiet bħalma sar fil-vojt ta' bejn iż-żewġ knejjes u kif muri saħansistra fl-istess pjanti tal-1833 ta' Grognet, iżda mtela b'materjal solidu bħal knaten, li ħattew mill-istess knisja l-qadima u terrapien ieħor.

Jekk bejn wieħed u ieħor nieħdu li l-intern tal-knisja l-qadima taf kellu medda ta' madwar 430 metru kwadru waqt li l-parti fejn kien hemm il-ħitan tagħha (eskluż is-sagristija) taf kellhom medda ta' madwar 220 metru kwadru, tiġi li biex wittew l-intern tagħha mad-9 filati għoli (l-għoli tal-ewwel 4 filati li tħallew fil-post u medja ta' 5 filati pedamenti oħra kemm kienet għolja mill-blat), kien jeħtiġilhom madwar 17-il filata mill-istess Qadima, qisu terz minnha. Għalkemm din hi biss ċifra approssimattiva għall-aħħar, xorta tindika l-ammont kbir ta' radam li kien meħtieġ biex l-intern tal-Qadima ġabuh livell ma' fejn kellu jiġi l-paviment tar-Rotunda. U dan apparti r-radam kbir ieħor li kellhom bżonn biex wittew iz-zuntier, u sa ċertu punt tispjega kif irnexxielhom iħottuha f'disat ijiem, għax ma kellhomx għalfejn iġorru r-radam kollu tagħha imma biss parti minnu. X'aktarx dan ir-radam jikkonsisti mill-partijiet ta' fuq tal-knisja, fosthom l-arkaturi li kienu jiffurmaw is-saqaf u knaten bl-iskultura li mhux la kemm setgħu jerġgħu jintużaw f'bini ġdid, waqt li knaten lixxi u mingħajr ornamenti bħal dawk fuq barra, ġew riċiklati jew inbiegħu biex inbnew djar, strutturi oħra bihom. Dan taf jindika li fejn kien l-intern tal-knisja l-qadima u taħt iz-zuntier taf mhux sempliċi radam, imma għandu mnejn hu minjiera ta' fdalijiet.

## Skultura

L-iskrizzjoni li hemm fil-friż ta' taħt il-frontispizju fil-faċċata tar-Rotunda ġġib id-data '1857', tliet snin qabel tlesta x-xogħol fuqha li tagħti wieħed x'jifhem li din saret ferm qabel din id-data biex ħadu 'żball' ta' tliet snin. Dan ifisser li fejn setgħu bdew jagħmlu l-iskultura, waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol tal-bini, u kif kien għadu ħaj Grognet, li kien dejjem qed joqrob it-80 sena. Fil-fatt miet fil-5 ta' Settembru 1862, ta' 88 sena, sentejn u nofs biss wara li tlesta x-xogħol.







CamScanner

Fost l-iskultura li saret f'dan iż-żmien x'aktarx hemm tal-faċċata bħal tal-kampnari, tal-portiku u tal-frontispizju, u dawk fil-kappelluni li l-paviment tagħhom kien ilu lest, waqt li ħallew il-kumplament għal wara li spiċċa l-bini u nħattet il-Qadima. Minħabba l-iskultura tal-palmetti li hemm taħt in-niċeċ tal-portiku, Grognet għamel it-tielet filata tal-knisja dawramejt għoli ta' 20" (50ċm), 6" għola mill-kumplament. Għall-iskultura fuq barra tat-tanbur tal-palmetti, fejn seta' għamel il-knaten bil-fil, jibda mal-iskultura. Dawn l-istess palmetti tat-tanbur għamluhom imissu mal-gwarniċun ta' fuqhom, waqt li fid-disinn Grognet kellu ntenzjonat li jagħmilhom filata maqtugħa mill-gwarniċun, u fuq l-istess gwarniċun iddisinja l-antifissi.

Jista' jkun li din l-iskultura saret mill-iskultur Mosti, Salvatore Dimech (1804-1886). Tant li ftit snin wara, propju fl-1865, l-istoriku Pietru Pawl Castagna jgħidilna li kien qed jagħmel skultura ornamentali u dekorattiva fil-bini tat-Teatru Rjal, u fl-1868 anki għamel l-istatwa ta' Santa Marija għall-Mosta.

Dan Salvu Dimech, li xi żmien wara li żżewweġ fl-1829, mar joqgħod Ħal Lija, ma seta' qatt abbanduna raħal twelidu għalkollox ħabta u sabta, meta fih kien għad kellu l-familjari, il-ġenituri u ħutu. U meta kienet għaddejja attività kbira bħal dik, ta' bini ta' knisja ġdida, li minnha nnifisha tqajjem kurżità u ġġegħlek iżżomm ruħek aġġornat ta' wieħed mil-lokal ma' kull ħaġa li tkun qed tiġri fih.

Infatti Dimech kien qed jiġi kkummissjonat b'xogħlijiet minn madwar Malta kollha, bħal pereżempju xi basso-riljievi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt (1837), l-istatwa ta' San Franġisk għall-Kapuċċini fil-Furjana (1837), l-istatwa ta' San Girgor il-Kbir fiż-Żejtun (1838), l-istatwa ta' San Pawl tal-Gżejjer (1845, flimkien mal-iskultur Sigismondo Dimech), u l-istatwi tal-Granmastri L'Isle Adam u La Vallette f'Putirjal (1855), fost l-oħrajn, kif seta' jonqos li ma jkollux kummissjonijiet fil-Mosta, meta kien hemm tant bżonn ta' xi ħadd jinqala' għall-iskultura tal-knisja l-ġdida. Żgur li, ta' għeruq Mosti li kien, u l-fatt li kien joqgħod f'raħal pass 'il bogħod mill-Mosta, wassal biex kien jinżel sar-raħal biex jagħti l-kontribut tiegħu fil-bini tal-knisja bħal forsi fil-Ħdud u l-festi. U jekk se jagħti l-kontribut, żgur se tasal dik il-ġurnata xi darba jew oħra meta jintalab jagħmel xi ħaġa li fiha kien jispikka l-aktar, l-arti tal-iskultura fil-ġebla, is-sengħa tiegħu.

Jekk fuq nota pessimista nistgħu ngħidu li tlifna l-vara ta' Santa Marija oriġinali, wisq sabiħa u devota tiegħu, mill-banda l-oħra nistgħu nikkonslaw meta nħarsu u nammiraw l-iskultura tar-Rotunda, u niftakru fil-moħħ u l-id ta' min x'aktarx għamilha. Is-Sartx, x'aktarx l-uniku artist Malti li nafu b'laqmu, ikompli jindika li kien u baqa' wieħed mill-popolin, magħruf aktar b'laqmu milli b'ismu, kif kienet id-drawwa fl-irħula f'dawk iż-żminijiet.

### Il-knisja l-qadima mqabbla ma' knejjes oħra ta' Tumas Dingli




*Dehra ta' wħud mill-knejjes ta' Tumas Dingli, b'tan-Naxxar it-tul tagħha miksub bejn wieħed u ieħor minn kif tidher il-parti l-antika tagħha mill-ajru.*



*Il-faċċati tal-knisja l-qadima tal-Mosta, ta' Ħ'Attard u kif kienet tan-Naxxar.*

Fost il-knejjes li ħażż Tumas Dingli, apparti tal-Mosta, insibu dawk ta' Ħ'Attard, tan-Naxxar u ta' Ħal Għargħur. Il-knisja ta' Ħ'Attard inbniet bejn l-1613 u l-1624, tan-Naxxar bejn l-1614 u l-1630, u tal-Għargħur x'aktarx tlestiet (mhux bdiet tinbena) lejn l-1638. Fil-lapida tal-konsagrazzjoni tal-knisja l-qadima, li llum tinsab f'nofs il-kuritur li jgħaqqad iż-żewġ sagristijiet tar-Rotunda, hemm imsemmija d-data '1619' meta tlesta x-xogħol, iżda m'hemm xejn fiċ-ċert kemm kien ilha snin tinbena jew f'liema sena bdiet (hawn min isemmi s-sena 1614).

Jekk inqabblu l-perjodu ta' 11-il sena li damet tinbena ta' Ħ'Attard, u s-16-il sena li damet tinbena tan-Naxxar, forsi wieħed jassumi li setgħu bdew jibnuha lejn l-1610 meta fil-Mosta nħatar l-ewwel kappillan, jiġifieri jiġi perjodu raġjonevoli ta' 9 snin ta' kemm damet tinbena. Ifisser ukoll li ladarba l-Mosta bdiet tibni knisja ġdida, bdew jitħajru l-irħula tal-madwar wieħed wara l-ieħor. Interessanti l-fatt kif l-arkitett Tumas Dingli, li twieled Ħ'Attard, fit-22 ta' Diċembru 1591, u allura tiġi li kien għadu fl-għoxrinijiet meta ħażż dawn il-knejjes, kien qed jibnihom kollha fl-istess ħin, u kif kien ilaħħaq iżur il-lant tax-xogħol ta' kollha!

Mill-wisa' tal-faċċata jiġu f'din l-ordni: Ħ'Attard u Ħal Għargħur qisu l-istess daqs, il-Mosta, u n-Naxxar (kif

kienet qabel tkabbret, bil-wisa' ta' kemm kienet il-faċċata, x'aktarx fl-istess ilma tal-wisa' tal-kappelluni fil-ġnub tal-artal maġġur, li l-ħajt tagħhom fuq barra għadu jidher u hu madwar 1,460ċm), b'tan-Naxxar tkun l-ikbar. Ta' Ħ'Attard hi differenti mill-oħrajn mil-lat li fuq il-gwarniċun ta' fuq hemm għaddej bħal friż bir-rużuni, gwarniċun fuqu dawramejt, u m'għamilx kampnari fil-faċċata, biex minflok għamel il-frontispizju l-wisa' kollu tal-faċċata, waqt li l-kappelluni li jmissu mal-artal maġġur, flok saqqafhom bil-ħnejjiet għamlilhom kuppletti. Għal tan-Naxxar, fost l-oħrajn, għamel gwarniċun f'nofs il-faċċata li kien idur dawramejt mal-knisja.

Fil-knisja tal-Mosta, Dingli nkorpora niċċa fil-frontispizju, li kienet l-unika waħda li kellha statwa fiha. Mill-qisien tagħha, skont ma jidhru fil-pittura tal-Qadima, tidher li kienet waħda kolossali, taqbeż bi ftit it-3 metri jew sular. U bl-istess kobor u toqol tagħha taf għamilha diffiċli biex tkun manuvrabbli, bir-riżultat li spiċċajna tlifniha.

Jekk nieħdu l-kalkolu ta' Grognet, li kull persuna bil-wieqfa tokkupa 4 xiber kwadru (4x26.2x26.2ċm$^2$) biex wasal għal ċifra ta' madwar 5,000 persuna kemm kellha tiġi tesa' r-Rotunda, il-knisja l-qadima tal-Mosta tiġi li kienet tesa' madwar 1,200 persuna, ferm anqas mill-madwar 4,000 persuna li kien hemm fir-raħal dak iż-żmien. Infatti fil-viżta pastorali tal-1744, issemma li kienet tesa' madwar 2,000 persuna.

Mil-lat ta' tul, tal-Mosta kienet tiġi l-iżgħar fosthom kollha, minħabba li għamilha forma ta' salib Grieg, bejn wieħed u ieħor daqs kemm għandek tul ta' korsija (il-parti bi dritt l-artal maġġur), għandek tul tal-kappelluni fil-ġnub tal-artal maġġur.

Madankollu taf kienet tesa' l-istess ammont ta' nies u forsi anki aktar minn ta' Ħ'Attard u tal-Għargħur, għax għaċ-ċokon fit-tul kienet tikkumpensa b'wisa' akbar tal-korsija u tal-kappelluni. Il-Mostin ta' dak iż-żmien kellhom l-isfortuna li wara biċċa xogħol bħal dik u wara li kienu innovattivi u pijunieri fil-kunċett ta' bini ta' knisja ġdida, spiċċaw bi knisja li kienet diġà se tiġi superata mill-knisja tan-Naxxar darba tlestiet.

Tal-Mosta ma setgħax kellha bibien fil-ġnub tal-korsija bħalma għandhom ta' Ħ'Attard, Ħal Għargħur u n-Naxxar, li għandhom jew kellhom b'kollox 5 bibien. Dan id-disinn x'aktarx ma ntgħoġobx għax fil-knejjes li bena wara għal dawn l-irħula, kabbar il-korsija b'aktar minn darba u nofs, iżda flok żied 2 artali oħra, wieħed fuq kull ġenb, daħħal dawn il-bibien.

Ukoll tal-Mosta tant kellha korsija żgħira li x'aktarx it-taraġ jew garigor tal-kampnari kien iwassal biss sal-bejt u ma kienx jibqa' nieżel s'isfel, u forsi kien hemm xi taraġ ieħor mis-sagristija li kien jagħti għall-bejt. Il-knisja ta' Ħal Għargħur, jekk għall-mument ninjoraw li għandha korsija akbar, hi l-eqreb għall-Qadima tal-Mosta għax taqbel mil-lat ta' lavur fil-parti t'isfel tal-pilastri. Tumas Dingli qisu għamilha verżjoni ftit iżgħar minn tal-Mosta u ta' daqs ġa ppruvat f'dik ta' Ħ'Attard. Rigward il-wisa' tal-pilastri ta' barra, fil-każ tal-knejjes tal-Mosta, Ħ'Attard u l-Għargħur, għamlilhom pilastri ta' wisa' erbat ixbar (105ċm), filwaqt li f'tan-Naxxar għamlilhom ta' ħamest ixbar wisa'.

Tumas Dingli jidher li ħa ħafna mill-knisja l-qadima ta' Birkirkara fil-knejjes tiegħu, li għalkemm hi xogħol l-arkitett Vitor Cassar, jingħad li kompliha hu, u fil-knejjes tiegħu daħħal il-bibien fil-ġnub tal-korsija u ntroduċa l-kampnari fil-faċċata.

## L-artali tal-knisja l-qadima

Il-knisja l-qadima jingħad li kellha 10 artali, tnejn minnhom dak tal-kor u l-artal maġġur, u l-oħrajn tar-Rużarju, ta' San Pawl, tal-Madonna tal-Grazzja (li lejn is-sena 1695 ġie mibdul għal Kristu Msallab Agonizzant), ta' San Ġużepp, tal-Lunzjata, ta' Santu Rokku, ta' San Duminku u Sant'Antnin ta' Padova, u ta' San Kosma u San Damjan. Mill-mod kif inhuma assenjati l-artali fir-Rotunda, nistgħu nispekulaw kif kienu jinsabu fil-qadima għax x'aktarx żammew l-istess format.



*Il-knisja l-qadima jingħad ...*

Hekk x'aktarx kellek artal 1 iddedikat lil tar-Rużarju, artal 2 lil San Pawl, artal 3 lil Kristu Msallab Agonizzant jew tas-Salib, artal 4 lil San Ġużepp, artal 5 lil San Kosma u San Damjan (li oriġinarjament jidher li t-titular kien ta' Sant'Anna u wara sar tal-Madonna tal-Konsolazzjoni jew taċ-Ċintura, kif jissemma fil-viżta pastorali tal-1744), artal 6 lil-Lunzjata, artal 7 lil Santu Rokku u artal 8 lil San Duminku u Sant'Antnin ta' Padova. Rigward artali 6 u 8 ma tantx nistgħu nkunu ċerti kif kienu mqassmin, għax ma ntirtux fir-Rotunda, iżda fil-viżta pastorali tal-1744, tal-Lunzjata jingħad li kien issemma mal-artali oħra ta' dik ix-xaqliba, bħal tar-Rużarju.

Kurjuż kif dawn iż-żewġ artali ġew eliminati għalkollox mir-Rotunda u lanqas biss ġew ikkonsidrati għall-artal li hemm fis-sagristija tal-qassisin, li minflok ġie ddedikat lil Santa Filomena. Ħafna mill-kwadri ta' dawn l-artali tal-knisja l-qadima ntirtu fir-Rotunda, hekk li nsibu dak tar-Rużarju, ta' San Pawl, tal-Lunzjata, u ta' San



CamScanner

Duminku u Sant'Antnin ta' Padova mdendlin fis-sagristija tal-bomba, dak ta' San Kosma u San Damjan fis-sagristija tal-qassisin, ta' Santu Rokku kien tkabbar biex poġġewh fil-kappellun ta' San Bastjan, bħalma ġralu wkoll taċ-Ċintura, li llum jinsab fil-kappellun iddedikat lilha fir-Rotunda.

Ma nafux x'sar mill-kwadru ta' San Ġużepp, u wisq anqas tal-Madonna tal-Grazzja, għalkemm is-Salib ta' Kristu Msallab Agonizzant li kien fiha, illum jinsab imdendel fuq il-kaxxarizzi li hemm fis-sagristija tal-bomba. Il-kwadri ta' San Kosma u San Damjan jingħad li kienu wieħed fuq kull naħa tal-kwadru taċ-Ċintura. U jekk hu hekk, taf kien hemm il-kwadri l-oħra tal-istess daqs, li llum insibuhom ukoll fis-sagristija tal-qassisin, dawk ta' San Filippu Neri u San Lawrenz, wieħed fuq kull naħa fl-artal ta' faċċata ta' Santu Rokku biex jiġu pariġġ. Però wieħed jiddubita kemm dawn l-erba' qaddisin, li Stefano Erardi pittirhom kollha jħarsu lejn ġenb, setgħu kienu f'artali 5 u 7 tal-ġnub tal-korsija għax hemm ma tantx kellek kobor (jew spazju) għalihom, u aktar jagħmel sens li kienu fil-ġnub u l-kantunieri ta' artali 2 u 4 bħalma nsibu f'xi knejjes.

Il-kappillan fundatur tar-Rotunda, Dun Feliċ Calleja, li miet fl-20 ta' Frar 1833, jingħad li kien indifen quddiem l-artal tal-Lunzjata, f'qabar li kien ħallielu l-Isqof Fra Vincenzo Labini, waqt li fejn l-artal ta' San Duminku u Sant'Antnin ta' Padova, jingħad li kien hemm il-ħawt tal-magħmudija.





*Il-lapidi tal-Kappillani Dun Feliċ Calleja (fuq) u Dun Ġammarì Schembri, li kienu tpoġġew fil-knisja l-qadima.*

## Għeluq

Il-Mosta għandha storja li tmur lil hinn mir-Rotunda, u b'din il-ħarsa ħafifa lejn il-knisja ta' qabilha, nispera li jqum ftit interess dwarha biex issir aktar riċerka fuqha. Forsi fadal ħafna x'insiru nafu dwarha mill-ftit fdalijiet li fadal minnha, u mill-viżti pastorali li saru tul l-eżistenza tagħha fost l-oħrajn. Jekk irridu npoġġuha mod ieħor, nistgħu ngħidu li taħt il-paviment tar-Rotunda hemm kważi dinja oħra, għax m'hemmx biss midfunin il-fdalijiet ta' aktar minn tliet sekli u nofs ta' ġenerazzjonijiet mill-bidu nett tat-twaqqif tar-raħal, imma hemm ukoll il-fdalijiet ta' knisja oħra li jkompli jagħmel il-post wieħed sagru u ta' devozzjoni minn żminijiet imbegħda, u fuq kollox ir-ruħ u ċ-ċentru tal-ħajja soċjali tar-raħal u ta' dak kollu li jiġri fih.

Bħalma s-similarità tar-Rotunda mal-Panteon u l-kobor tagħha ġew sfruttati mill-ewwel Arċipriet tal-Mosta, Dun Pawl Xuereb, biex il-knisja saret Arċipretali, bħalma l-miraklu tal-bomba ġie sfruttat biex il-knisja saret santwarju u ġiet inkurunata l-Assunta tal-Kor, hekk ukoll nemmen li l-fdalijiet tal-knisja l-qadima jistgħu jiġu sfruttati biex jinġabu fondi ħalli minn post żdingat, mitluq u minsi, jiġi mibdul f'mużew u attrazzjoni turistika u ntrojtu ta' flus għall-knisja, biex tkompli tissebbaħ b'aktar opri ta' arti, u tissemma dejjem aktar mal-erbgħat irjieħ tad-dinja.

**Riferenzi u noti:**


1 *Storja tal-Mosta ta' E.B. Vella u Oħrajn, 1972;*

2 *Il-Knisja Parrokjali fid-dawl tal-Viżta Pastorali, minn Alexander Bonnici O.F.M. Conv., Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Annwal 2004;*

3 *Relazzjoni Arkitettonika, Teorika u Prattika, minn Stanley Mangion, Il-Mosta: Jannar-April, 1983;*

4 *Ix-xogħlijiet u l-ħajja ta' Salvatore Dimech (1804-1886), taħdita minn Dr. Eugenio Montanaro, Il-Mosta: Mejju-Ġunju 1987, Il-Mosta: Lulju-Awissu 1987, Il-Mosta: Settembru-Ottubru 1987;*

5 *Il-Qniepen li għandha r-Rotunda, minn Joseph Borg, Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Annwal 2003;*

6 *Dawra madwar il-Knisja Arċipretali tagħna (8) - Nidħlu fis-Sagristija ta' fejn hemm il-bomba, Joseph Borg, Il-Mosta: Settembru-Diċembru 2002;*

7 *L-Opra tal-'Buone Morte' jew tal-Agunija tagħlaq 300 sena mwaqqfa, minn Joseph Borg, Il-Mosta: Novembru-Diċembru 1986;*

8 *Il-Parroċċa tal-Mosta tagħlaq mitt sena Arċipretali, minn Joseph Borg, Il-Mosta: Mejju-Ġunju 1988;*


9 *Daqs u lokazzjoni tal-knisja l-qadima rispett mar-Rotunda ġew meħuda minn qisien u ritratti tal-post, kif jidhru fil-kannierja u fil-maħżen taħt il-kappellun ta' San Pawl, filwaqt li dawk fil-parti tal-osswarju ġew meħuda mis-simetrija tal-post, u l-faċċata raġunata li kienet tasal sal-pedamenti tar-Rotunda, wara li sar il-massimu possibli.*



CamScanner